MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 88/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anzjan Dennis Theuma)**
**Vs**
**Charlot Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 162180 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fl-20 ta' Settembru 2009 u fis-sens ta' qabel

a) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kenitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kenitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma

kenitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga imsemmija fil-pussess taghha u naqqset li tipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendat u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Frar, 2012, li biha, fuq nuqqas ta' provi, lliberat lill-appellat mill-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-28 ta' Frar, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi f'dan il-kaz issib lill-appellat hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa s-segwenti w cioe':-

Illi fit-22 ta' Frar, 2012 l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet apprezzament zbaljat u irragjonevoli tal-provi migbura.

Illi f'dan il-kaz l-appellat ammetta fl-istqarrija li giet esebita a fol. 6 tal-process li madwar sena qabel id-data ta' meta gie interrogat huwa abbuza mid-droga kokajina. Issa galadarba din l-istqarrija ittiehdet minghajr id-dritt li jikkonsulta ma' avukat, l-Ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet li tiskarta din il-prova u tillibera lill-appellat mill-akkuza dedotta kontra tieghu stante li din kienet l-unika prova fil-konfront tieghu.

Illi, bir-rispett dovut lejn l-Ewwel Qorti, f'kaz bhal dan kellha tanalizza jekk il-prova tal-istqarrija setghetx twassal ghas-sejbien ta' htija o meno tal-akkuzat konsiderando l-lezjoni fid-drittijiet tieghu li setghet b'xi mod ivvizjat dak li l-appellat stqarr hemmhekk. Kwindi l-Qorti kellha ssaqsi lilha nnifisha x'effett seta` kellu l-fatt li l-appellat irilaxxa l-istqarrija minghajr ma kien assistit minn Avukat u kif dan il-fatt seta` jinfluwixxi fuq il-volontarjeta` tal-istqarrija tal-istess appellat.

Illi billi l-Ewwel Qorti skartat l-istqarrija minhabba l-lezjoni, l-apprezzament tal-provi kif pretiz minnha li taghmel ma sarx u dan peress li f'ebda mod m'apprezzat il-kontenut tal-istqarrija migjuba quddiemha irrispettivament tal-fatt li ghazlet li tirritjeni dan id-dokument bhala parti mill-provi fil-kaz innifsu konsiderando wkoll li din l-istqarrija kienet finalment ittiehdet skond il-ligi in vigore dak iz-zmien u li permezz ta' gurisprudenza nostrana konsiderando l-ammissjoni fiha, titqies ukoll bhala l-prova regina. Dan anzi wassal sabiex il-Qorti tal-Magistrati tat rimedju hi ghall-lezjoni tad-dritt tas-smiegh xieraq tal-akkuzata, xi haga li semmai kellu jkun il-kompitu tal-Qorti Kostituzzjonali. Kull ma kellha taghmel l-Ewwel Qorti kienet li tqis jekk l-akkuzat hux lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, hati jew le tal-akkuza migjuba kontrih fid-dawl tal-provi kollha.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregud izzju ghas0sueccipit, l-argumentazzjoni tal-appellant qed jigi sostnut ukoll in linea tal-artikolu 349(2) tal-Kodici Kriminali li jaqa taht it-titolu dwar is-setghat u d-dmirijiet tal-Pulizija Ezekuttiva fil-procediment Kriminali u li fosthom jinkludu t-tehid ta' kampjun u anki d-dritt tal-asssistenza legali. Dan l-artikolu jinqara kif gej :

***349 (1) ufficjal tal-Pulizija ghandu jkollu biss dawk is-setghat vestiti fih skont il-ligi u fil-limitu awtorizzat mil-ligi, u f'din id-disposizzjoni l-kelma ligi ghandha l-istess tifsira moghtija lilha fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni.***

***(2) <u>L-ommissjoni ta' xi kawzjoni, formalita` jew htiega preskritti taht dan it-Titolu m'ghandhom ikunu ta' eba` ostaklu biex tingieb prova, waqt il-kawza, b'mod</u>***

***<u>permess bil-ligi, dwar il-fatti li ghalihom tkun tirrelata dik il-prekawzjoni, formalita` jew htiega.</u>***

Kwindi jekk qeghdin nikkoncedu li l-appellat ma nghatax l-opportunita` li jikkonsulta ma' Avukat u minhabba f'hekk pogga lilu nnifsu f'posizzjoni pregudikanti li setghet tinkriminah u li kwindi wasslet ghall-lezjoni tad-drittijiet taghha, tali ommissjoni ta' formalita` jew htiega, mhuwiex ostakolu ghall-ammissibbilita` tal-provi u kwindi l-Qorti ma setghetx ma tapprezzax din il-prova u sempliciment tiskartha minhabba n-nuqqas tal-prezenza tal-Avukat fil-pre trial stage, iktar u iktar meta lanqas biss kienet rikjesta mill-ligi ta' dak iz-zmien li din issir ad obligatem. Dan ma jfissirx li jekk il-pulizija tonqos milli thares xi wahda minn dawn il-formalitajiet hi ma tkunx responsabbli ghan-nuqqasijiet da parti taghha izda lanqas ma jfisser li fin-nuqqas taghhom il-prova li tkun ingabret fiha nnifisha tispicca fix-xejn.

Illi kien ghalhekk li l-Ewwel Qorti kellha tapprezza l-kontenut ta' din il-prova u tapprezza l-piz jew pern taghha fid-dawl tal-lezjoni. Meta sempliciment skartat il-prova tal-istqarrija a bazi tal-lezjoni tad-dritt fundamentali, minghajr lanqas ma kkunsidrat u analizzat il-kontenut taghha, l-Ewwel Qorti ghamlet il-kontra ta' dak li tishaqq id-disposizzjoni hawn fuq ikkwotata.

Illi ma huwiex il-kompitu ta' l-Ewwel Qorti li tirrimedja flok il-Qorti Kostituzzjonali specjalment minhabba l0-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali tista` tirrikonoxxi ksur tad-drittijiet fundamentali minghajr ma tirrimedjah (just satisfaction). Din ic-cirkostanza filfatt irrizultat fil-kawza Kostituzzjonali fl-ismijiet Pulizija vs Noel Arrigo et. Fejn dik l-Onorabbli Qorti ddecidiet li kien hemm lezjoni izda ma tat l-ebda rimedju effettiv apparti li "titqieghed kopja ta' dan il-gudikat fl-atti tal-process kriminali fl-ismijiet "Pulizija vs Dr. Noel Arrigo LL.D et" illi fih ir-referenza kostituzzjonali odjerna". Effettivament allavolja giet iddikjarata din il-lezjoni, l-kaz kontra l-akkuzati Arrigo u Vella kompla skondi l-ligi penali u sa fl-ahhar gew misjuba hatja u ggudikati mill-Qrati penali u konfermati f'istadju ta' appell fil-kaz tal-Prim Imhallef emerritus Noel Arrigo. Ma kien hemm l-ebda

jedd da parti tal-Qorti Kriminali jew penali li tipprovdi rimedju flok il-Qorti Kostituzzjonali ghas-sentenza ta' lezjoni moghtija mill-istess. Il-lezjoni giet rikonoxxuta u l-proceduri tkomplew skond il-ligi minn hemmhekk il-quddiem.

Illi kwindi jidher car li mhux talli sar apprezzament hazin tal-provi migjuba izda li sahansitra l-Qorti naqset kategorikament li tqis il-provi kollha migjuba quddiemha kif kienet pretiza li taghmel skond il-ligi, u liema nuqqas wassal ghall-liberatorja ingustifikata tal-appellat li finalment kien ammetta ghall-akkuza migjuba kontrih da sua sponte. In-nuqqas ta' apprezzament ta' l-Ewwel Qorti u l-konkluzzjonijiet ghas-sentenza liberatorja taghha indubjament ma jirraprezentawx apprezzament siewi tal-provi prodotti li kwindi ma jiggustifikawx il-konkluzzjonijiet tas-sentenza appellata.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

Li mill-istqarrija tal-appellat meħuda fl-20 ta' Settembru 2009, jirriżulta li l-appellat ma kienx jaf li l-persuna li kienet miegħu kellha d-droga kokaina. Huwa baqa' jinsisti li droi fuqu ma kellux.

Meta kien mistoqsi jekk kienx hemm xi okkażjoni meta huwa ħa l-kokaina, huwa qal li kien ilu madwar sena għaliex matul is-sajf kellu jaħdem ħafna mal-istudenti.

L-Ispettur Dennis Theuma ppreżenta s-sachet li kien sab PS 430 Andrew St.John. Dan tal-aħħar qal li ma kienx ra lill-imputat jarmi xi ħaġa. Għalhekk kienu ġabru liż-żewġ persuni li kien hemm fil-post għax ma kinux jafu min partikolarment rema s-sachet.

Il-persuna l-oħra kienet mal-appellat kien Carl Magri. Dan xehed li l-appellat ma kellu xejn illegali fuqu.

L-Avukat Ġenerali appella minħabba li l-Qorti tal-Maġistrati kienet illiberat lill-appellat minħabba li fl-atti l-unika prova li xi darba l-appellat kien fil-pussess tad-droga kokaina kienet l-istqarrija tal-appellat.

Din il-Qorti fliet l-atti kif jidher mis-sommarju li ngħata hawn fuq u bħall-Qorti tal-Maġistrati sabet li l-unika prova hija l-istqarrija.

Mill-istqarrija joħroġ ċar li fl-20 ta' Settembru 2009, l-appellat ma kellu ebda droga kokaina fuqu.

Biss jirriżulta, li skont l-appellat stess, huwa kien għamel użu mill-kokaina xi disa' xhur qabel.

Għalhekk fattwalment hemm prova biss ta' dak li ġara disa' xhur qabel. Mill-bqija l-Prosekuzzjoni ma ġabet ebda rova li l-appellat kien fil-pussess tad-droga kokaina fl-20 ta' Settembru, 2009.

Li jibqa' biex ikun ikkunsidrat huwa jekk għandhiex tkun ikkonsidrata l-istqarrija tal-appellant ġaladarba din kienet l-unika prova fil-proċess u dak in-nhar li għamel l-istqarrija ma kellux avukat biex imexxih.

Jirriżulta li minn meta ngħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, il-ġurisprudenza nbidlet. Filfatt il-Qorti tal-Maġistrati bbażat is-sentenza tagħha fuq deċiżjonijiet li kienet tat il-Qorti Kostituzzjonali fit-tliet deċiżjonijiet 'Il-Pulizija vs Alvin Privitera, Il-Pulizija vs Mark Lombardi u l-Pulizija vs Esron Pullicino. Il-każ ta' wieħed minn dawn ir-rikorrenti nstema' fl-appell ukoll u l-appellant kien liberat minħabba li l-unika prova kienet l-istqarrija.

Iżda f'dan il-każ ma ngħatat ebda deċiżjoni kostituzzjonali dwar l-ammissibilita' o meno tal-istqarrija tal-appellat. Id-deċiżjonijiet imsemmija ma jgħoddux awtomatikament għalih minħabba li l-azzjoni fid-Drittijiet tal-Bniedem mhix 'actio popularis' u biex wieħed jintavola kawża

kostituzzjonali dwar id-drittijiet tal-Bneidem irid ikollu interess dirett. Barra dan, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet 'Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali', il-Qorti Kostituzzjonali tat deċiżjoni li hija differenti mid-deċiżjonijiet mogħtija fit-tliet sentenzi msemmija.

Għaldaqstant, fid-dawl ta' dak li ntqal fil-paragrafu preċedenti, il-Qorti ser tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali.

**Konklużjoni**

Konsegwentement, il-Qorti qed tirrevoka s-sentenza mogħtija fl-ismjiet premessi fil21 ta' Frar 2012 fejn illiberat lill-appellat minn kull ħtija u minflok, wara li rat l-artikolu 22(1)(b) tal-Kap 101 u r-regolament 9 tal-G.N.292/1939, qed issib lill-appellat ħati tal-imputazzjoni dedott kontrih limitatament għall-pussess ta' kokaina qabel l-20 ta' Settembru 2009 u mhux f'dik id-data partikolari għaliex il-Prosekuzzjoni naqset li ġġib prova dwar pussess ta' kokaina da parti tal-appellat għal dik id-data partikolari iżda flok tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien xahrejn. Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446 lill-appellat fi kliem sempliċi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------